# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 14**

**Rikors numru 1119/22/1 DC**

**Francis Fenech**

**v.**

**Emanuel *sive* Leli Fenech u Mary Carmen Fenech**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuti minn sentenza parzjali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Lulju, 2024, li permezz tagħha dik il-Qorti ċaħditilhom talba sabiex tiddikjara li n-notifika tar-rikors promotur ma kinitx waħda valida u sabet li huma ma

kellhomx raġuni tajba sabiex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fl-24 ta' Novembru, 2022, l-attur fisser li huwa għandu titlu eżekuttiv li jinbet minn att pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar fl-atti tan-Nutar Bartilmew Micallef nhar is-17 ta' Mejju, 2003. Jgħid li bis-saħħa ta' dan l-att, il-konvenuti ddikjaraw rwieħhom bħala veri, ċerti u likwidi debituri tiegħu versu s-somma ta' €100,163.06.

3. Ifisser li l-konvenuti bħala debituri obbligaw ruħhom li jħallsu din is-somma fi żmien sentejn mid-data tal-att, iżda jsostni li minkejja li għaddew numru ta' snin din is-somma ma tħallset qatt anke jekk sejħilhom b'att ġudizzjarju.

4. Għaldaqstant l-attur jgħid li billi l-perjodu ta' ħames (5) snin mid-data tal-imsemmi att ta' kostituzzjoni ta' debitu għaddew u l-konvenuti għadhom debituri tiegħu, huwa ressaq ir-rikors b'riħet l-**Artikolu 258(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex jiġi awtorizzat jgħaddi għall-eżekuzzjoni tal-istess titlu eżekuttiv.

5. Permezz ta' digriet tat-28 ta' Novembru, 2022, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat li l-konvenuti jiġu notifikati bl-att tar-rikors u bid-digriet. Barra

minn hekk, tenniet li għalkemm l-**Artikolu 258 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** ma jsemmi l-ebda terminu għar-risposta, madankollu b'ħarsien tal-prinċipju tal-*audi alteram partem*, il-konvenuti xorta waħda ngħataw żmien ta' għoxrin (20) jum minn meta jirċievu l-atti kollha tar-rikors biex jekk iridu jressqu risposta. Ir-rikors ġie appuntat għas-smigħ għas-6 ta' Frar, 2024.

6. Fl-atti nsibu żewġ riferti (fuq id-dahar tal-paġna 46 tal-Proċess) li minnhom jirriżulta li fl-1 ta' Diċembru, 2023, Emanuel Fenech u Maria Carmela Fenech ġew notifikati bl-avviż, bir-rikors, bid-digriet u bid-dokumenti billi l-atti tħallew f'idejn Graziella Doti.

7. Mill-verbal tas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2024 jirriżulta li l-konvenuti ssejħu diversi drabi iżda ma dehrux. Il-Qorti osservat li l-konvenuti ġew notifikati fl-1 ta' Diċembru, 2023 iżda ma ppreżentawx risposta ġuramentata u li għalhekk kellhom jitqiesu bħala kontumaċi.

8. Fil-21 ta' Frar, 2024, il-konvenuti ressqu rikors li permezz tiegħu talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi n-notifika ma saritx in konformità mal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u/jew li hija nulla u li għalhekk l-esponenti ma ġewx validatament u debitament notifikati bir-rikors promotur; jew*
>
> *2. Fin-nuqqas, tiddeċiedi u tiddikjara illi l-esponenti għandhom raġuni valida li timmerita l-purgazzjoni tal-kontumaċja tagħhom; u*

*3. F'kull każ, tippermetti li l-esponenti jippreżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom fiż-żmien prefiss minn din l-Onorabbbli Qorti.»*

9. L-attur ressaq t-tweġiba tiegħu fit-12 ta' Marzu, 2024. Fis-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2024 instemgħu x-xhieda u tressqu l-provi. Dakinhar stess ġie trattat ir-rikors.

10. B'sentenza parzjali mogħtija fit-8 ta' Lulju, 2024, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tal-konvenuti.

11. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din il-konklużjoni kienu dawn:

*«Ikkunsidrat*

*Illi qabel ma tinoltra ruħha fil-mertu tat-talba in eżami l-Qorti hija tal-fehma li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.*

*Illi huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza li kwistjonijiet dwar validità o meno tan-notifika u dawk dwar il-kontumaċja huma kwistjonijiet separati u distinti.*

......

*Illi fil-każ in eżami il-konvenuti qed jitolbu l-ewwel dikjarazzjoni li n-notifika hija nulla u qed jitolbu ukoll dikjarazzjoni li għandhom raġuni valida biex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom u konsegwentement talbu l-awtorizzazzjoni biex jippreżentaw risposta ġuramentata. Għalhekk, u b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza appena ċitata ghall-każ in eżami, il-Qorti għandha l-ewwel tikkunsidra l-kwistjoni jekk in-notifika tar-rikors ġuramentat hiex valida jew le; u f'każ biss li n-notifika hija waħda valida tista tipproċedi biex tikkunsidra jekk il-konvenuti kellhomx raġuni tajba a bażi ta' li tiġġustifika in-nuqqas tagħhom li jippreżentaw ir-risposta ġuramentata fiz-żmien prefiss mil-Liġi*

***Il-Provi***

**......**

***In-notifika tal-konvenuti***
*Ikkunsidrat*

*Illi jibda biex jingħad illi għalkemm l-konvenuti jilmentaw li n-notifika hija invalida għax ma saritx in konformita ma'l-artikoli 187 et seq tal-Kap 12, fil-verita l-ilment tagħhom huwa li r-rikors promotur lilhom notifikat ma kienx komplut.*

*Illi jirriżulta ampjament, mhux biss mid-depożizzjoni tal-marixxal imma anke mill-affidavit tal-konvenut, li d-dokumenti tħallew f'idejn persuna adulta, membru tal-familja tal-konvenuti, fir-residenza tagħhom. Għalhekk ir-rekwiżiti ta'l-artikolu 187 huma sodisfatti. Dak li għandu jiġi determinat, u dan tenut kont tal-ilment tal-konvenuti, huwa jekk ġewx notifikati ukoll bir-rikors promotur komplut jew le[1].*

*Illi minkejja li l-konvenuti jgħidu li r-rikors ma kienx komplut f'l-ebda waqt, la fir-rikors, la f'l-affidavit u lanqas waqt is-sottomissjonijiet, ma speċifikaw x'ġie konsenjat lilhom mill-marixxal b'mod li lanqas seta' jiġi stabbilit x'kienu l-atti li allegatament ma waslux għandhom. Dan kien eżerċizzju faċli ħafna għax kull ma kien jirrikjedi kien li l-atti li ġew konsenjati lill-konvenuti jitqabblu mal-atti proċesswali.*

*Illi min-naħa l-oħra hemm id-depożizzjoni, ċara u inekwivoka, tal-marixxal. Huwa ikkonferma diversi drabi li huwa kkonsenja ir-rikors ġuramentat b'xi dokumenti, id-digriet tal-appuntament u l-avviż tas-smigħ.*

*Illi fil-fehma tal-Qorti ma tirriżulta l-ebda raġuni għalfejn għandha tiddubita mill-verżjoni tal-marixxal, partikolarment meta tqis in-nuqqas ta' kjarezza fil-verżjoni tal-konvenuti u r-riluttanza tagħhom li jkunu speċifiċi dwar liema kienu l-atti li waslu għandhom.*

*Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija konvinta mhux biss mill-fatt li n-notifika saret skont ma jirrikjedi l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 imma hija konvinta ukoll li l-marixxal ikkonsenja l-atti kollha indikati fir-riferta u għalhekk anke r-rikors promotur u l-avviz tas-smigħ.*

*Illi ladarba n-notifika tal-konvenuti saret kif trid il-liġi u tenut kont tal-fatt li huma ma ppreżentawx ir-risposta ġuramentata fiż-żmien għoxrin ġurnata mid-data tan-notifika l-konvenuti għandhom jitqiesu kontumaċi.*

***Ġustifikazzjoni tal-kontumaċja***

*Illi, konfermat li l-konvenuti konjugi Fenech huma kontumaċi, il-Qorti issa trid tistħarreġ jekk din il-kontumaċja hiex ġustifikabbli jew le.*

---

[1]*Ai termini tal-artikoli 156 u 157 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-attur għandu jieħu ħsieb li jiġu notifikati lill-konvenut ir-rikors ġuramentat flimkien ma' kull affidavit u dokumenti annessi miegħu.*

*Illi ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-konvenut kellu jippruva għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. X'jikkostitwixxi "raġuni tajba" mhux stabbilit fil-liġi però skont ġurisprudenza kostanti fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk konvenut kellux ġustifikazzjoni għan-nuqqas tiegħu l-Qorti għandha tkun gwidata mis-segwenti prinċipji:*

*.....*

*Illi t-talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja hija bażata primarjamanet fuq in-nullità tan-notifika anke għax ma kinitx tinkludi l-atti kollha; ladarba l-Qorti kkonkludiet li n-notifika hija valida allura t-talba tal-konvenut għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja inkwantu hekk bażata neċessarjament għandha tfalli.*

*Illi però l-konvenuti jikkontendu wkoll li huma għaddew il-karti li rċevew lill-avukat u ħallew f'idejh. Donnu l-konvenuti qed jgħidu li huma għamlu dak kollu li kellhom jagħmlu u r-responsabbiltà għaddiet f'idejn ħaddieħor.*

*Illi dwar dan l-aspett il-ġurisprudenza tirreferi ghad-differenza sostanżjali bejn il-konvenut li juri nuqqas ta' interess fil-kontestazzjoni għat-talba tal-attur u anki ma jidhirx fl-udjenza meta jiġi msejjaħ biex jidher, u bejn dak il-konvenut illi jindika illi huwa kellu l-intenzjoni li jikkontesta t-talbiet attriċi però dan m'għamlux bil-mod previst mill-liġi jew fit-termini previsti mill-liġi. Huwa essenzjali però li jiġi pppruvat li l-kontestazzjoni ma tkunx saret, jew jekk saret tardivament, għal raġunijiet li ma jaħtix għalihom il-konvenut. Huwa fil-fatt stabbilit li:*

> *f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire"[2].*

*Illi l-qrati tagħna kellhom l-opportunità jippronunzjaw ruħhom ukoll dwar dawk il-każijiet meta n-nuqqas tal-konvenuti milli jippreżentaw ir-risposta ġuramentata fit-terminu statutorju jkun riżultat tal-imġiba jew l-operat ta' terza persuna[3] Fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' April 2003 fil-kawża fl-ismijiet* ***Waldonet v. David Thake*** *ntqal hekk:*

*.....*

*Illi mill-atti jirriżulta mhux kontestat li n-notifika twettqet fl-1 ta' Diċembu 2024 billi tħallew l-atti relattivi, f'idejn Graziella Doti, fir-residenza tal-konvenuti. Il-konvenut jammetti ukoll li Doti kienet infurmatu, dak in-nhar stess ċjoè fl-1 ta' Diċembru 2023, li kienu tħallew xi karti magħha sabiex*

[2] *Ref* ***Carmelo Bugeja v. Mary Farrugia*** *deċiza mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar 1996*
[3] *Fl-affidavit jgħid li huwa ta l-karti lill-avukat u ħalla f'idejh.*

*tgħaddihom lilu u lil martu. Il-konvenut ma jgħidx meta huwa jew martu ħadu l-karti, lanqas jgħid meta ċempel lill-avukat u mar jagħtih il-karti li kien irċieva. L-unika ħjiel fir-rigward huwa l-asserzjoni tal-konvenut li ftit wara li mar għand l-avukat ġie infurmat li kien hemm deċizjoni li ma setax itella' provi; huwa kien qed jirreferi għad-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-konvenuti kienu kontumaċi. Din id-dikjarazzjoni saret fit-30 ta' Jannar 2024 u għalhekk sittin ġurnata wara d-data tan-notifika. Għalhekk, jekk il-konvenut mar għand l-avukat "ftit qabel" it-30 ta' Jannar 2024, huwa fil-fatt mar għand l-avukat meta kienu laħqu għaddew l-għoxrin ġurnata li fihom kellha tiġi ppreżentata r-risposta ġutramentata[4]. Il-konvenut m'għamel l-ebda tentattiv biex jipprova jispjega għalfejn ħalla dan iż-żmien kollu jgħaddi qabel ma kellem lill-avukat, dan minkejja li kien jaf li kellu karti mill-Qorti. Għalhekk mill-atti ma jirriżultax x'kien l-impediment invinċibbli msemmi fil-ġurisprudenza. Għal kull bon fini u b'referenza għall-asserzjoni tal-konvenuti li ma kienux f'pożizzjoni li jirrispondu għar-rikors ġuramentat għax ma kienx komplut, asserzjoni li kif intqal aktar 'il fuq ġiet skartata, għandu jingħad li kieku l-konvenuti verament kellhom l-intenzjoni li jikkontestaw il-kawża tempestivament, immedjatament malli rċevew l-atti kienu jagħmlu verifiki fir-reġistru u jidhru fl-ewwel appuntament u jressqu l-ilmenti tagħhom dwar n-notifika.*

*Illi tenut kont tas-suespost u fin-nuqqas ta' xi prova kwalunkwe li turi li kien hemm mhux biss kawża ġusta li impediet lill-konvenuti milli jagħmlu dak li kienu fid-dover li jagħmlu, imma li kienu jeżistu wkoll ċirkostanzi ta' impediment invinċibbli li żammhom milli jikkontestaw il-kawża bil-mod kif trid il-Liġi, il-Qorti m'għandha l-ebda għażla ħlief li tiċħad it-talba tal-konvenuti. Dan il-Qorti tgħidu konsapevoli li l-prinċipju ewlieni tal-ħaqq naturali tal-audi alteram partem jitfa' responsabbiltà mhux żgħira fuq il-ġudikant li jgħarbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi waħda mill-partijiet li tiġi miżmuma milli tressaq il-każ tagħha quddiem it-tribunal li jkun[5].*

*Għal dawn il-motivi l-Qorti* ***tiċħad it-talbiet*** *tal-konvenuti konjuġi Fenech dedotti fir-rikors preżentat fil-21 ta' Frar 2024. Spejjez relatati ma' dan ir-rikors huma a karigu tal-konvenuti.»*

12. Wara li nkiseb favorevolment il-permess tal-Ewwel Qorti sabiex jitressaq appell b'riħet l-**Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-konvenuti ressqu l-appell tagħhom mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar id-29 ta' Lulju, 2024.

---

[4] *L-għoxrin ġurnata skadew fil-21 ta' Diċembru 2023.*
[5] *Ref* ***Waldonet v. David Thake*** *op cit*.

13. L-attur wieġeb permezz ta' risposta tas-6 ta' Diċembru, 2024 u ta r-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

14. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

15. Permezz tal-appell tagħhom il-konvenuti jsostnu li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata: (i) meta ddeċidiet li huma ġew notifikati validament; u (ii) li kellha ssib li huma għandhom raġuni valida sabiex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom.

16. Fir-rikors tal-appell tagħhom huma jgħidu li mhux qegħdin jikkontestaw il-fatt li l-marixxal ħalla xi dokumenti fir-residenza tagħhom ma' Graziella Doti nhar l-1 ta' Diċembru, 2023. Dak li qegħdin jikkontestaw huwa li huma ma ngħatawx id-dokumenti kollha u b'hekk huma ma setgħux ikunu jafu d-data tas-seduta. Għaldaqstant jisħqu li n-nuqqas tagħhom li jippreżentaw ir-risposta kien riżultat tan-nuqqas fil-proċedura li għandu jwassal għal dikjarazzjoni li huma ma ġewx effettivament notifikati.

17. Iżidu li f'dan is-sens, in-nuqqas tal-preżentata tar-risposta min-naħa tagħhom ma kinitx b'sens ta' diżrispett lejn l-Ewwel Qorti u b'hekk għandhom jiġu kkunsidrati l-elementi li joħorġu mit-tagħlim ġurisprudenzjali fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja favur tagħhom. Dan għaliex fil-fehma tagħhom kien hemm impediment invinċibbli li xekkilhom milli jikkontestaw il-kawża bil-mod kif trid il-liġi. Dan billi jgħidu li ma kinux edotti tal-komparixxi u huma mill-ewwel għarfu lill-Ewwel Qorti b'dan. Fuq kollox jisħqu li huma għandhom kull interess li jikkontestaw il-kawża.

18. Din il-Qorti qabelxejn tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha billi tiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-appellanti qegħdin iħawwdu żewġ kunċetti. Talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tippresupponi notifika valida. Għalhekk meta huma jinsistu li n-notifika tal-atti lilhom ma saritx skont il-liġi u b'hekk għandhom jitqiesu daqslikieku ma ġewx notifikati, ma jistgħux imbagħad f'nifs wieħed isostnu li din ir-raġuni għandha tkun is-sies u raġuni tajba sabiex jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom (għad irridu naraw jekk dan hux każ li jista' jitħaddem dan l-istitut)

19. Kemm hu hekk, jekk kemm-il darba wieħed jitkellem dwar jekk in-notifika hijiex valida, allura ma jibqax iżjed il-każ li wieħed jitkellem ukoll dwar il-jedd li jneħħi l-kontumaċja, għaliex notifika invalida, jew nuqqas

ta’ notifika skont il-liġi, ma tagħti qatt bidu għaż-żmien li jimxi kontra l-persuna li, fil-fatt, ma tkun ġiet notifikata qatt. Wieħed ma jistax jaqa’ kontumaċi jekk mhux wara li jkun ġie validament notifikat bir-rikors maħluf. Għalhekk, huwa biss f’każ li jirriżulta li hemm notifika valida li wieħed jgħaddi biex jgħarbel jekk il-kontumaċja li sseħħ tkunx waħda ġustifikabbli jew inkella waħda ta’ ħtija. Min-naħa l-oħra, notifika li tkun saret sewwa ma tfissirx li l-imħarrek ma jibqagħlux mod kif jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu (ara s-sentenza tal-Appell Ċivili tat-12 ta’ Diċembru, 1975 fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Grixti v. Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi*** (mhix pubblikata), u dik tal-Qorti tal-Appell tat-12 ta’ Lulju, 2019 fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc v. Standard Chartered Bank Limited***).

20. Ngħaddu issa għall-kwistjoni tal-validità tan-notifika. Kif qalet l-Ewwel Qorti, dak li qegħdin jilmentaw minnu l-appellanti huwa li ma rċevewx l-atti kollha.

21. Il-Qorti tqis li jkun xieraq billi tibda biex tfakkar dak li ilu jiġi mgħallem għal snin twal, sewwasew li d-dispożizzjonijiet tal-proċedura għandhom jiġu *«osservati alla lettera e non per equipollens»* (**Kollez. Vol. XVII P I, paġna 879**). Huwa mifhum li dan il-prinċipju għandu jiġi applikat b’aktar qawwa fil-każ tan-notifika ta’ atti li bihom jinbdew il-kawżi, u dan għaliex l-għan wara n-notifika ta’ atti bħal dawk huwa li l-parti mħarrka tkun taf bl-azzjoni li nbdiet kontriha u biex, jekk ma tkunx taqbel mal-

pretensjonijiet tal-parti attriċi, tkun tista' tiddefendi ruħha bil-mod ta' kif tippermetti l-liġi (Appell Ċivili (Inf.) PS 30.1.2009 fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Chetcuti v. Hafida Mimi***). Dan jgħodd aktar u aktar f'kawżi li fihom ikun hemm talba sabiex il-Qorti tgħaddi għall-ġudizzju bid-dispensa tas-smigħ skont l-**Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li fih innifsu jitlob ukoll lill-Qorti biex timxi mal-proċedura mfassla fil-liġi u dan *'ad unguem'* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-20 ta' Jannar, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Snoussi v. Carmel Grixti***).

22. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li l-proċedura dwar in-notifika ta' atti ġudizzjarji hija regolata bid-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, u allura s-siwi tan-notifika jista' jiġi żgurat biss jekk issir bil-mod kif mitlub fil-liġi (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-27 ta' Ġunju, 2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Tonna v. Holland u Hallett Limited***). Tabilħaqq, ingħad kemm-il darba minn din il-Qorti, li f'materja teknika bħalma hija s-siwi tan-notifika, il-Qorti għandha tħares bir-reqqa lejn dak li tgħid il-liġi dwar il-proċedura preskritta tan-notifiki (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Marzu, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance p.l.c. v. Francis Chetcuti et***; u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Ġunju, 2013 fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Pace v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***). Fi kwistjonijiet ta' din ix-xorta, huwa għalhekk meħtieġ li l-Qorti tiżgura li tifli sewwa s-

siwi tan-notifika, għaliex fin-nuqqas ta' tħaris tal-proċedura mitluba mil-liġi, il-preġudizzju li ġġarrab il-parti milquta jkun wieħed illi jħalli konsegwenzi serji fuq is-sehem tagħha fil-kawża u jmiss mal-qalba tal-prinċipju fondamentali tas-smigħ xieraq (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-1 ta' Jannar, 2001, fil-kawża fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Hugh Peralta noe v Unispeed Shipping & Forwarding Limited***; u dik tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Novembru, 2023 fl-ismijiet ***Mark Anthony Portelli v. Norman Zammit***).

23. Kemm hu hekk, fejn jirriżulta li konvenut ma jkunx ġie notifikat bl-avviż tas-smigħ u bir-rikors maħluf tal-kawża, u l-kawża tiġi deċiża, nuqqas bħal dan iwassal għan-nullità tas-sentenza appellata (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tal-15 ta' Jannar, 2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Marsovin (Sales & Distribution) Ltd v. Vince Bellizzi***; tal-Qorti tal-Appell maqtugħa fit-30 ta' Ġunju, 2021 fl-ismijiet ***Ahmed Ibro Muhiddin v. Greenlines Environmental Services Limited et***; u dik tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Novembru, 2023 fl-ismijiet ***Mark Anthony Portelli v. Norman Zammit***).

24. Fi kwistjoni teknika bħalma hija n-notifika tal-atti, jeħtieġ li dak il-pass fit-tmexxija ta' kawża jitwettaq kif imiss u skont ma titlob il-liġi. Nuqqas bħal dan tant huwa ta' gravità tali li l-liġi proċedurali nnifisha tagħtih bħala waħda mir-raġunijiet li bih sentenza tista' titħassar u l-kawża

tinstema' mill-ġdid (ara **Artikolu 811(b) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***G.g.d. Properties Limited v. JD Lifts Supplies Limited*** maqtugħa fl-14 ta' Jannar, 2013).

25. Jiġi nnutat li fir-rikors, li permezz tiegħu l-konvenuti ressqu t-talbiet tagħhom, li huwa wkoll mertu ta' dan l-appell, jgħidu li għalkemm ġew notifikati bir-rikors promotur dan ma kienx komplut u b'hekk ma setgħux ikunu jafu d-data tas-seduta u ma setgħux iwieġbu.

26. Fl-affidavit tiegħu, il-konvenut Emanuel Fenech (f'paġna 67 tal-proċess) jgħid li fl-1 ta' Diċembru, 2023, mart ibnu avżatu li kienu tħallew magħha xi karti sabiex tgħaddihom lilu u lil martu. Ifisser li kif ra li l-karti ntbagħtu mill-Qorti, kellem lill-avukat tiegħu li qallu biex jgħaddilu kopja ta' dak li rċieva. Dakinhar għaddilu l-karti kollha. Jgħid li huwa ħalla f'idejn l-avukat iżda wara ftit ġie avżat li kien hemm deċiżjoni tal-Qorti li ma setax itella' xhieda u provi oħra għaliex ma kienx hemm risposta tiegħu. Jgħid li l-avukat tiegħu qallu li ma setgħetx tidħol risposta għaliex ma kienx notifikat bir-rikors u *«infatti, sa dak iż-żmien kont għadni ma nafx fuq xiex kienet eżatt il-kawża li nfetħet kontrija.»*

27. Hekk kif qalet l-Ewwel Qorti, id-dokumenti tħallew f'idejn persuna adulta, membru tal-familja tal-konvenuti u fir-residenza tagħhom, skont

kif meħtieġ fl-**Artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dak li din il-Qorti trid tistħarreġ huwa jekk hux minnu dak allegat mill-appellanti li huma ma rċevewx l-atti kollha.

28. Illi diġà rajna li fl-affidavit tiegħu l-konvenut qal li huma ma rċevewx ir-rikors. Fl-atti mbagħad insibu r-riferta tal-marixxal li tgħid li l-konvenuti kienu ġew notifikati bl-avviż, bir-rikors, bid-digriet u bid-dokumenti.

29. Hekk kif imfisser fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Frar, 2024 fil-kawża fl-ismijiet ***Tony Vella v. David Pace***, riferta ta' marixxall huwa dokument uffiċjali li jgawdi mill-preżunzjoni *omnia praesumuntur rite et solemniter esse acta*, li maqlub għall-Malti jfisser li kollox huwa preżunt li sar solennement u kif suppost (ara l-provvediment mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2013 fil-kawża ***Christopher Hall et v. Awtorità tad-Djar et*** u ***Joseph Cassar Aveta v. Citadel Insurance plc*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-28 ta' Marzu, 2007). Rilevanti li sa minn żminijiet antiki kien miżmum li, *«è doversi aggiustar fede agli ufficiali in ciò che si attiene alla esplicazione del proprio ufficio»* (***Alessandro Delhin v. Antonio Darmanin et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Novembru, 1927). Ifisser għalhekk li wieħed irid jagħti fidi lill-uffiċjali ġudizzjarji f'dak li għandu x'jaqsam mat-twettiq tax-xogħol tagħhom (ara ***George Calleja et v. Ignazia Degabriele*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ġunju, 2001).

30. Bħalma ġie mtenni mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Edward Cassar v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża fit-2 ta' Frar, 2016 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Frar, 2016, riferta ta' uffiċjal tal-Qorti ma tistax tiġi ddikjarata bħala waħda żbaljata fuq sempliċi dikjarazzjoni ta' parti mingħajr prova ċara li tabilħaqq seħħ żball għaliex inkella l-Qorti tkun qed tmur kontra l-preżunzjoni li dokument uffiċjali huwa prova ta' dak li hemm fih u li sar mill-marixxall b'għarfien sħiħ tal-importanza tiegħu.

31. F'din l-istess sentenza fl-ismijiet ***Tony Vella v. David Pace,*** tfisser li l-piż tal-prova li r-riferta hija waħda ħażina għalhekk taqa' fuq min ikun qiegħed jallega li dik ir-riferta ma tiswiex (ara ***Salv Bezzina & Sons Limited v. Paul Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2015). Dak li wieħed huwa mistenni li jagħmel biex jegħleb il-prova tar-riferta huwa li għallinqas iħarrek lill-marixxall li jkun ħariġha biex jagħmillu l-eżami jew il-kontroeżami ħalli b'hekk jipprova joħroġ li dan għamel żball (ara ***Joseph Pace v. Makaw Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April, 2006).

32. Illi l-konvenuti ħarrku lill-Marixxal Carmelo Buttigieg li xehed (fis-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2024), li huwa ħalla l-avviż, id-digriet, ir-rikors u xi dokumenti ma' persuna li jisimha Graziella fir-residenza tal-konvenuti.

Ikkonferma li huwa jagħraf l-atti ġudizzjarji u kapaċi jiddistingwi att minn ieħor u meta jwettaq notifika jara x'dokumenti jkun qiegħed iqassam u jniżżilhom fir-riferta relattiva.

33. Imħaddem it-tagħlim ġurisprudenzjali jirriżulta li r-riferta fl-atti ma tħalli l-ebda dubju li l-konvenuti ġew notifikati bir-rikors, bl-avviż, bid-digriet u bid-dokumenti. Il-konvenuti ma ressqu l-ebda argument jew ħjiel ta' prova biex iseħħilhom jikkonvinċu lil din il-Qorti li din ir-riferta ma tiswiex. Jiġi b'hekk, li fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, se toqgħod fuq dak li hemm imniżżel fir-riferta. Għaldaqstant tqis li l-konvenuti ġew notifikati kif imiss.

34. Imwarrab dan il-kweżit, l-appellanti jsostnu li kellhom raġuni tajba invinċibbli għaliex ma wieġbux ir-rikors tal-appellat u li dan ma kienx frott ta' diżrispett lejn l-Ewwel Qorti u huwa għalhekk li l-kontumaċja tagħhom għandha tkun ġustifikata u b'hekk jitħallew iwieġbu. Diġà rajna, li r-raġuni mressqa mill-konvenuti ċjoè n-nuqqas ta' notifika tal-atti kollha ma kinitx siewja. Għalhekk ċertament il-konvenuti ma jistgħux isejsu xi argument fuq l-istess. Iżda din il-Qorti se tmur lil hemm minn dan kollu.

35. Illi tajjeb jingħad li l-proċeduri mnedija mill-appellanti huma dawk b'riħet l-**Artikolu 258(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Hekk kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet

***Gaetano Abdilla et nomine v. Sebastian Dalli et nomine*** maqtugħa fis-16 ta' Lulju, 2024 fi proċeduri simili (dawk kienu imsejsa fuq is-subinċiż (a) tal-istess artikolu) xogħol il-Qorti f'din l-għamla ta' proċedura mhuwiex biex toħloq kanonizzazzjoni ġdida ta' kreditu, iżda li terġa' tgħajjex titlu eżekuttiv li jkun għadda ż-żmien minn fuqu (ara ***Middle Sea Insurance p.l.c. v. Francis Chetcuti et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021). Kif imfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Bank of Valletta p.l.c. v. Francis Bezzina Wettinger proprio et nomine et*** deċiża fis-26 ta' Marzu, 2010, fi proċedura simili, l-indaġni li trid tagħmel il-Qorti hija waħda limitata, u dak li trid tiżgura hu li, fil-fatt, jeżisti t-titlu eżekuttiv, u li l-ammont dovut, jew parti minnu, ma jkunx ġie mħallas mid-debitur ikkundannat.

36. Naturalment jekk il-konvenut jallega li huwa jkun ħallas id-dejn kollu jew f'parti minnu, allura l-Qorti jkollha bilfors tidħol f'eżerċizzju ta' għarbiel biex tara jekk tabilħaqq ikunx sar dan il-ħlas jew le (ara ***Bank of Valletta p.l.c. v. Carmelo Farrugia Melfar Ltd*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Frar, 2013). Jekk jintwera li jkun sar xi ħlas, l-eżekuzzjoni tkun tista' ssir biss fuq il-bilanċ li jkun għadu dovut mill-intimat (ara ***Bank of Valletta plc v. Refco Co. Ltd et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' April, 2012).

37. Huwa sewwasew għalhekk, li huwa importanti ħafna, minkejja li l-

liġi ma tgħid xejn, illi l-konvenut xorta waħda jiġi notifikat bir-rikors dwar talba għall-eżekuzzjoni mill-ġdid ta' titlu eżekuttiv, sabiex dan ikun jista' jwieġeb dwar jekk id-dejn imsemmi fit-titlu eżekuttiv għadux jeżisti jew le. Peress li l-liġi ma ssemmix terminu speċifiku mill-jum tan-notifika tar-rikors li fih il-konvenut ikun obbligat iressaq it-tweġiba tiegħu, allura sakemm il-Qorti ma tiffissax terminu hi, il-konvenut ikollu sa dakinhar li jissejjaħ ir-rikors biex iressaq it-twegiba tiegħu (ara ***Bank of Valletta p.l.c. v. Joseph Borg*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Jannar, 2001).

38. Sfiq ma' dan tfisser minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Marzu, 2019 fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire***, li fil-proċedura, iż-żminijiet mogħtijin lil parti biex tressaq att jistgħu jkunu jew ġudizzjarji (jew legali) għaliex ikunu imposti mil-liġi, jew inkella ġudizzjali, għaliex imposti mill-Qorti jew mit-tribunal imwaqqaf b'liġi (ara s-sentenza tal-Appell Ċivili tas-6 ta' Lulju, 1993 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Tabone nomine v. John Mousù proprio et***). Żmien ġudizzjarju jista' jkun wieħed perentorju; imma meta ma jkunx perentorju, jista' jiġġedded għal raġuni tajba sakemm it-talba għat-tiġdid issir qabel ma jagħlaq dak iż-żmien preskritt (ara l-**Artikolu 106 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-8 ta' Jannar, 2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Francis B. Vassallo nomine v. Direttur tal-Kuntratti***), jew, jekk ikun

laħaq għalaq iż-żmien, b'azzjoni ta' reintegrazzjoni (ara s-sentenza tal-Appell Ċivili tat-28 ta' Ġunju, 1948 fil-kawża fl-ismijiet ***Vincenzo Spiteri v. Antonio Hili***). Iż-żminijiet ġudizzjali normalment jaqgħu taħt il-kategorija ta' termini mhux perentorji (ara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Marzu, 1987 fil-kawża fl-ismijiet ***Rita Portelli v. Onor. Prim Ministru et***).

39. Kompla jitfisser ukoll li termini ta' żmien stabbiliti mil-liġi għat-tressiq ta' atti tal-Qorti għandhom il-karatteristika ta' termini ta' dekadenza, u għalhekk huma perentorji. Dawn jitolbu l-ħarsien *ad unguem* u huma ta' ordni pubbliku (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tas-6 ta' Frar, 2008 fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Abela v. Aplan Limited et***), u jistgħu jitqajmu *ex officio* minn qorti jew minn tribunal (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-12 ta' Diċembru, 2007 fil-kawża fl-ismijiet ***Salina Wharf Marketing Ltd v. Malta Tourism Authority;*** u dik tat-12 ta' Frar, 2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Mirjana Kovecevic v. Myoka Management Ltd***). Huma termini li ma jistgħux jinbidlu jew jittawlu, imqar jekk kull parti taqbel dwar dan (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)(RRB) tal-21 ta' Marzu, 1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Caruana v. Charles Psaila*** (mhix pubblikata)). Hemm fehma li tmur lura s-snin li t-termini jew żminijiet biex xi ħadd jappella minn deċiżjoni huma termini perentorji (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Novembru, 2011 fil-kawża

fl-ismijiet ***Richard John Bridge v. Onor. Ministru tal-Ġustizzja u Intern et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' April, 2012)).

40. Meta nduru għall-każ tagħna, fi proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv, it-terminu mogħti mill-Ewwel Qorti huwa wieħed ġudizzjarju. Jiġi b'hekk li din il-Qorti u l-Ewwel Qorti ta' qabilha ma jistgħux jużaw id-dispożizzjoni tal-**Artikolu 158 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għaliex dawk id-dispożizzjonijiet jgħoddu biss għar-risposta maħlufa f'kawżi mibdija b'rikors maħluf. Ħaġa li m'għandnix hawnhekk.

41. Għalkemm l-**Artikolu 258 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** jsemmi li r-rikorrenti għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qiegħed ifittex l-eżekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut, dan mhux ir-rikors maħluf li jeħtieġ li jkun konformi mal-**Artikolu 156 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Kemm hu hekk, l-**Artikolu 258** ma jagħti ebda terminu għat-tweġiba u huwa sieket fuq notifika bl-istess rikors u s'intendi dwar terminu għal tweġiba. Għalkemm iż-żewġ artikoli tal-liġi jinsabu taħt **Taqsima 1 tal-imsemmi Kodiċi**, biss però huma taħt żewġ Titoli kompletament differenti minn xulxin.

42. B'hekk jiġi li ħarsitna trid iddur fuq l-**Artikolu 106 tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jipprovdi li: *«Iż-żmien legali jew ġudizzjarju, meta mhux perentorju, jista' jiġġedded għal raġuni tajba, kemm-il darba t-talba għal dan it-tiġdid tiġi magħmula fiż-żmien li tiegħu jintalab it-tiġdid.»*

43. Permezz ta' dan l-artikolu, il-Qorti tqis li skont l-**Artikolu 106** hija għandha s-setgħa li ġġedded żmien legali jew ġudizzjarju: (i) meta dan iż-żmien ma jkunx wieħed perentorju; (ii) meta t-talba għat-tiġdid issir qabel ma jkun laħaq għalaq iż-żmien mogħti fil-liġi jew mill-Qorti; u (iii) meta tinġieb raġuni tajba għaliex hemm bżonn għal dak it-tiġdid. Dawn it-tliet elementi kollha jridu jiġu ppruvati sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba għall-estensjoni taż-żmien. Ifisser għalhekk, li anke jekk imqar wieħed minnhom ma jkunx sodisfatt, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għat-tiġdid tat-terminu (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Jannar, 2022 fl-ismijiet ***L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores et nomine v. Ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali et***).

44. Miżmum dan kollu, jirriżulta mill-atti li l-appellanti jfallu tnejn minn dawn ir-rekwiżiti billi huma ma ressqu ebda talba għat-tiġdid qabel ma għalaq iż-żmien mogħti mill-Qorti. Barra minn hekk, il-konvenuti ma ġabu ebda raġuni tajba għaliex kien hemm bżonn dak it-tiġdid.

45. Għaldaqstant l-aggravju tal-appellanti mhux fejjiedi u għandu jiġi

miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenuti, u għalkemm f'parti minnha għal raġunijiet differenti, tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jinġarru mill-konvenuti.

Tordna li l-atti jintbagħtu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili minnufih sabiex il-kawża tissokta.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
da